

31998D0278

29.4.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 127/10

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tas-7 ta' April 1998****rigward il-konlużjoni ta' ftehim qafas dwar il-koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ftehim ta' Kartaġena u l-pajjiżi membri tiegħu, li huma r-Repubblika tal-Bolivja, ir-Repubblika tal-Kolumbja, ir-Repubblika ta' l-Ekwador, ir-Repubblika tal-Peru u r-Repubblika tal-Venezuela**

(98/278/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 130y, flimkien ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza u (3) l-ewwel subparagrafu, ta' l-istess,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>;

Billi l-Komunità, sabiex tikseb l-għanijiet tagħha fl-isfera tar-relazzjonijiet ekonomiċi esterni, għandha tapprova l-ftehim qafas dwar il-koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ftehim ta' Kartaġena u l-pajjiżi membri tiegħu, li huma r-Repubblika tal-Bolivja, ir-Repubblika tal-Kolumbja, ir-Repubblika ta' l-Ekwador, ir-Repubblika tal-Peru u r-Repubblika tal-Venezuela,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-ftehim qafas dwar il-koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ftehim ta' Kartaġena u l-pajjiżi membri tiegħu, li huma r-Repubblika tal-Bolivja, ir-Repubblika tal-Kolumbja,

ir-Repubblika ta' l-Ekwador, ir-Repubblika tal-Peru u r-Repubblika tal-Venezuela huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika li għaliha jipprovi l-Artikolu 37 tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, assistita minn rappreżentanti tal-membri tal-Kunsill, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Artikolu 32 tal-ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-7 ta' April 1998.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

D. BLUNKETT

<sup>(1)</sup> ĠU C 25, tat-28.1.1993, p. 31.

<sup>(2)</sup> ĠU C 234, tat-30.8.1993 u ĠU C 80, tas-16.3.1998.